# BORD DWAR IL-KONTROLL TAL-KIRI TA' RABA

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Gimgha 26 ta' Ottubru 2001**

**Rikors numru 22/95B**

**Numru 27**

**Carmelo Bugeja, Francesca armla ta' Joseph Saliba, u Catherine mart Salvu Falzon, kollha ahwa Bugeja**

**vs**

**Giuseppe Camilleri**

Il-Bord,

Ra ir-rikors in esami li permezz tieghu wara li r-rikorrenti ippremettew illi huma jikru ossija iqabblu lill-intimat Camilleri zewg eghlieqi maghrufa bhala ta' Guzman, fil-limiti ta' Bubaqra z-Zurrieq bil-qbiela ta' Lm8 fis-sena prossima skadenza il-15 ta' Awwissu 1996;

Illi huma jixtiequ jahdmu dawn l-eghlieqi huma u oltre dan l-intimat issulloka wahda minn dawn l-eghlieqi lill-terzi minghajr il-kunsens taghhom u wahda minnhom tinsab ukoll fi stat abbandunat u hazin;

Talbu li dan il-Bord joghgbu jawtorizzahom jirriprendu l-pussess ta' dawn l-eghlieqi jew wahda minnhom prevja occorrendo l-hlas ta' kumpens ghal benefikati.

Ra r-risposta tal-intimat li permezz taghha espona bir-rispett illi l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-esponenti qatt ma ssulloka xi wahda mill-ghelieqi mqabbla lilu mir-rikorrenti jew halla l-istess fi stat abbandunat u hazin u dan ghaliex huwa dejjem hadem dawn l-ghelieqi peress illi dawn jikkostitwixxu fonti mportanti ghall-ghejxien tieghu.

Illi fil-mertu, r-rikorrenti jridu jissodisfaw skond il-vot tal-ligi z-zewg kundizzjonijiet imposti bl-Artikolu 4 (2) tal-Att XVI tal-1967.

Illi inoltre, kif ser jirrizulta, r-rikorrenti certament m'humiex dipendenti ghall-ghejxien taghhom jew tal-persuna minnhom imsemmija fir-rikors, fuq il-htiega tar-ripresa tar-raba de quo. Ghandu jirrizulta wkoll illi la r-rikorrenti u lanqas il-membri tal-familja taghhom qatt ma hadmu raba.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Ra id-digriet a fol 15 u 20 tal-process li permezz tieghu gew nominati l-AIC Frederick Valentino u Anthony Mifsud bhala periti teknici.

Ra l-atti kolha tal-kaz.

Ikkunsidra

Illi ir-rikorrenti Carmelo Bugeja (fol 8, 37, 38 u 43 ibid) jsostni li madwar sentejn qabel ma xehed fid-19 ta' Jannar 1996, hu kien induna li l-intimat kien "qieghed jdahhal lil nies ohra fl-art" u "ma kienx qieghed jahdimha hu". Meta kien tkellem mal-intimat u qalli li "hu kien dahhal in-nies fiha minghajr il-permess taghna", hu kien cahad dan. Inoltre kien tkellem ma certu Pawlu Camilleri li ossija dak li kien dahhal l-intimat sabiex jahdem l-istess ghalqa u l-istess Camilleri kien qallu li l-intimat "kien qed jehodlu xi flus". Ir-rikorrenti spjega ulterjorment li "ahna nixtiequ nahdmuha bejn l-ahwa" (ara fuq dan l-ahhar punt l-affidavit in atti a fol 17, sottomess minn Salv Falzon, ir-ragel tar-rikorrenti, Catherine Falzon). L-istess rikorrenti in kontro esami, spjega hu ried l-ghalqa in kwistjoni "sabiex nghaddi

xi ftit ta' hin fiha" u bhala dhul kellu biss il-pensjoni. Inoltre esebixxa erba ritratti li juru l-istat tal-hitan tal-ghalqa li waqghu bix-xita u ma gewx rrangati.

Illi gie prodott l-imsemmi Pawlu Camilleri (fol 32 ibid) li jigi n-neputi tal-intimat. Hu semma' fix-xhieda tieghu li kien jghin lill-intimat fl-art in kwistjoni minghajr xi ftehim dwar qsim ta' qliegh. Sussegwentement, hu ma kompliex jghin lill-intimat fl-ghalqa in kwistjoni stante li l-istess intimat "ghandu t-tfal kbar u jghinuh huma".

Ikkunsidra

Illi l-intimat xehed f'zewg okkazzjonijiet (fol 21 u 35 ibid). Hu xehed li kien pensjonant u in rigward l-ghalqa, kien jzomm ghalih il-prodott kollu minghajr ma jbiegh xejn. Hu sostna li "Ir-raba' bazikament nahdmu jien pero' jghinuni xi naqra t-tfal". In rigward Pawlu Camilleri, it-tifel ta' huh, hu spjega li, kif kien xehed l-istess Camilleri, kienu semplicement jghinu lil xulxin fir-raba' rispettiv taghhom minghajr ebda hlas ta' flus. In rigward l-istess ghalqa, hu kompla jghid li dejjem hadimha u " qatt ma tlaqtha".

Ikkunsidra

Illi l-Periti Teknici, fir-<u>rapport</u> sottomess minnhom, ikkonstataw li r-raba in kwistjoni, konsistenti f'zewgt ghelieqi, kien ghadu kemm gie mahrut, meta sar l-access fit-12 ta' Ottubru 1999. Inoltre fix-xaqliba ta' isfel, kien hemm zewg sliehi kbar fil-hajt tas-sejjiegh divisorji, li kienu, pero' gew imtellghin u rikostruwiti matul is-sajf ta' qabel ossija recentement.

<u>Ikkunsidra</u>

Illi, sintizzati l-provi prodotti, u b'referenza ghall-motivazzjonijiet fir-rikors in esami, ghandu jinghad is-segwenti:

1) Bl-ebda mod ma irrisulta li l-intimat issulloka ir-raba in kwistjoni anke "in parte".

2) Ma jidhirx li parti mill-fond in kwistjoni gie abbandunnat jew instab fi stat hazin. L-istess rikorrenti xehed li xi hitan fl-ghalqa in kwistjoni kienu waqghu bix-xita. Mir-rapport tal-Periti Teknici jidher li dawn il-hitan kienu gew irrangati.

3) Fl-artikolu 4(2) (a) tal-Kapitolu 199 tal-Ligijiet ta' Malta, inghad li dan il-Bord, ghandu jilqa' rikors bhal dak in esami jekk sid il-kera

jipprova li jehtieg ir-raba' in kwistjoni ghal skopijiet agrikoli. Mill-istess provi ma irrisultatx tali htiega. Bl-uzu tal-kelma "jehtieg", hu evidenti li ghandu jigi pruvat li r-raba hu bzonnjuz ghal sid il-kera jew ghall-familja tieghu.

Illi ghalhekk, fid-dawl tal-premess it-talbiet in esami ma jistghux jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi, jichad it-talba tar-rikorrenti; bl-ispejjes jibqghu bla taxxa.

Alan Calleja
Deputat Registratur